**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 13 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Lucas Vassallo**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 66590M)

**Il-Qorti,**

Rat li Lucas Vassallo ta' 34 sena, iben Paul u Josephine Xebba Lia, mwieled Pieta nhar 24 ta' Diċembru 1989, residenti fil-fond Dallas, Flat 16, Triq il-Qawra, San Pawl l-Bahar u/jew 33 Triq San Pietru, Isla u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 66590M, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar il-11 ta' Lulju 2024 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, f'diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin:

1. *Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Connie Schembri (persuna li kienet f'relazzjoni mieghu) u Kieran Schembri biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna din il-biza, liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza ta' minuri, u/jew twettaq bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur ta' artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

2. *Ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Connie Schembri u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodici Kriminali.*

3. *Ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Kieran Schembri u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodici Kriminali.*

*U aktar talli nhar 11 ta' Lulju 2024 bejn 17:00hrs u 21:00hrs, gewwa Dallas Flats, Triq il-Qawra, San Pawl l-Bahar u/jew f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin*

4. *Kkaguna biza lil Connie Schembri (persuna li kienet f'relazzjoni mieghu) u Kieran Schembri li ser tintuza vjolenza tagghom jew kontra l-propjeta tagghom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u dan lahaq il-mira tieghu liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza ta' minuri u/jew twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur ta' artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

5. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja Connie Schembri (persuna li kienet f'relazzjoni mieghu) u Kieran Schembri f'periklu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Connie Schembri (persuna li kienet f'relazzjoni mieghu) u Kieran Schembri u cioe ferita ta' natura hafifa u dan bi ksur ta' artiklu u dan bi ksur ta' artiklu 214; 221; 222(1)(a); u 202(h) tal-Kodici Kriminali*

6. *Hebb kontra l-persuna ta' Connie Schembri sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.*

7. *Hebb kontra l-persuna ta' Kieran Schembri sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt*

*ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.*

8. *U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksur ta l-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il- Qorti ġiet ukoll mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Lucas Vassallo għall-benefiċċju ta' Kieran Schembri u Connie Schembri, dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Kieran Schembri u Connie Schembri, dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet estratt mill-att tat-twelid u 1-fedina penali tal-akkużat, talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-

akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali redatta ai termini tal artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn l-Avukat Ġenerali ta’ l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Rat ukoll illi waqt is-seduta tal-lum l-akkużat ukoll ta l-kunsens tiegħu.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta’ l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta’ l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-partijiet qablu li l-akkużat m’għandux jingħata piena karċerarja, peress li huwa għandu bżonn l-għajnuna akkont tal-problemi u kumplikazzjonijiet li għandu, wara li xtarret dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-akkużat, u wara li kkunsidrat li huwa kkopera mal-pulizija, hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi m’għandix tiġi erogata piena karċerarja.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 49, 50, 202(h), 214, 221, 221(1), 222(1)(a), 251(3),  251B(1)(2), 251H, 251HA, 339(1)(d)(e), tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-Lucas Vassallo detentur ta’ karta ta’ l-identità bin-numru 66590M ħati tal akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta’

probation għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Lucas Vassallo jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Lucas Vassallo bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, kif ukoll il-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati ddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation għandhom jiġu komunikati minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Gilmour Lucas Bartolo. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti qiegħda tagħmel ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn (2) u dan sabiex l-imputat jiġi trattat skont ma jidderieġi l-uffiċjal ta' probation skont id-digriet li jifforma parti integrali minnha. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-akkużat għal fini ta' protezzjoni ta' Connie Schembri (KI 56380M) u Kieran Schembri (255307L) u kull min joqgħod fir-residenza, Dallas, Fl. 16, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar,  skont ma jirriżulta mid-digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 382(A), 383, 384, u 385 stante li minnflok din il-Qorti ordnat il-protezzjoni taħt l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9, u tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------